# TIFKIRIET MILL-IMGĦODDI

## Ritratti mill-imgħoddi tat-triq Sant' Andrija armata għall-festa tas-Salvatur

Tlett ritratti differenti tat-triq Sant' Andrija armata għall-festa tas-Salvatur. Din it-triq minn dejjem kienet armata sa sniena, u kellha dehra tassew sabiħa.

Ir-ritratt (fuq il-lemin) huwa meħud fis-sena 1927. Ir-raġel li jidher huwa Mikiel Sciberras (ta' Ġomu). F'dan ir-ritratt jidhru il-palandri bil-friegħi tal-palm u t-trofej bil-bnadar u l-bandalori. Jidhru wkoll id-disinji li kienu jintużaw.





Dan ir-ritratt ġie meħud meta Ħal Lija kienet għada bla sistema ta' dawl elettriku. Il-każin jidher armat bit-tazzi taż-żejt. Dak tal-beritta huwa Piju Agius. F'dan ir-ritratt nosservaw li t-tfal huma kollha ħafjin.



Dan, fost it-tnejn l-oħra meħud l-aħħar wieħed. X'aktarx wara t-tieni gwerra dinjija. Fis-snin ta' qabel f'din it-triq kienu bdew isiru disinji tassew sbieħ mahdumin bil-karti fuq il-firdiferru li kien jieħu ħsiebhom ċertu Tumas Fenech 'Ta' Ninu ta' Feliċa' u minn Ninu Camilleri 'Ta' Ajrombu', il-Landier.



Dan ir-ritratt ġie meħud fis-6 ta' Awissu ta' l-1934 ħdejn waħda mill-kolonni tal-Kuruna li kienet tintrama ħdejn il-bieb tal-ġenb tal-Knisja ta' Sant' Andrija. Il-persuna hija Ninu Portelli bit-tifla tiegħu.